



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10130/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0171 (NLE)

AELE 21
EEE 16
N 19
ISL 14
FL 13
MI 271
BUDGET 15

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Abbozz DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-
Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma
jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

ABBOZZ

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru ...

ta' ...

**li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE,
dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi
li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (“il-Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-funzjonament u l-iżvilupp tas-suq intern tal-prodotti u tas-servizzi u fir-rigward tal-għodod ta' governanza tas-suq intern.
- (2) Għalhekk, il-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex ikun possibbli li dik il-kooperazzjoni estiża sseħħ mill-1 ta' Jannar 2020,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-paragrafi 12 u 14 tal-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE, il-kliem “u 2019” huma sostitwiti bil-kliem “, 2019 u 2020”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2020.

* [L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.] [Rekwiżiti kostituzzjonali indikati.]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President

Is-Segretarji
Tal-Komitat Konġunt taż-ŻEE
